**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' April, 2016**

Talba Numru: 779/2015JB

Kawza Numru: 2

**Ian Stivala (K.I.: 99077M)**

***vs***

**Mario Psaila (K.I.: 828855M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-16 ta' Settembru 2015, li permezz l-Attur tieghu talab il-hlas tas-somma ta' erba' mija u erbgha u hamsin euro u tlieta u sittin centezmu (€454.63) rapprezentanti diversi *premia* ta' assikurazzjoni ghal poloz mahruga mis-socjeta Millennium Insurance Agency Limited lill-Konvenut, liema debitu thallas mill-Attur b'surroga u ghad li l-Konvenut gie debitament interpellat ghall-hlas, dan baqa' moruz. L-Attur talab ukoll l-ispejjez kemm tal-odjerna procedura kif ukoll tal-ittra ufficcjali numru 917/2015;

Ra d-digriet tieghu tat-23 ta' Settembru 2015 (a fol 3) li permezz tieghu il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-11 ta' Novembru 2015;

Ra li l-Konvenut, notifikat nhar l-1 ta' Ottubru 2015 (fol 7), laqa' ghall-azzjoni attrici billi nhar il-11 ta' Novembru 2015 ipprezenta risposta (a fol 8) li tghid hekk:

> Illi l-Konvenut hallas kull premium ta' polza ta' assigurazzjoni mahruga lilu mis-socjeta Millenium Insurance Agency Limited u ghaldaqstant l-ebda ammont ma huwa dovut minnu lill-istess socjeta;
>
> Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Talab ukoll li l-ispejjez kollha inkluz dawk tar-risposta ghall-ittra ufficcjali numru 917/2015.

Kontestwalment il-Konvenut ippropona kontro-talba fejn talab li l-Attur rikonvenzjonat ihallas is-somma ta' mija u tmienja u tmenin euro u tnejn u sittin centezmu (€188.62) rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi rezi mill-Konvenut lis-socjeta Millenium Insurance Agency Limited u spejjez inkorsi mill-Konvenut rikovenzjonanti minhabba l-agir

u/jew negligenza ta' rapprezentant jew impjegat tal-istess socjeta. Talab ukoll l-ispejjez tal-istess talba rikonvenzjonali.

Ra r-risposta tal-Attur rikonvenzjonat ipprezentata nhar is-17 ta' Novembru 2015 (a fol 11) fejn dan laqa' ghat-talba rikonvenzjonali billi eccepixxa dan li gej:

1. Illi l-Attur mhuwiex rapprezentant jew b'xi mod iehor qed jidher f'dawn il-proceduri ghas-socjeta Millenium Insurance Agency Limited izda hu biss surrogat fid-drittijiet ta' dik is-socjeta;

2. Illi ghalhekk it-talbiet tal-Konvenut rikonvenzjonant huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi bil-kawza odjerna l-Attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €454.63 liema somma tirraprezenta *premia* ghal poloz mahruga mis-socjeta li maghha hu impjegat lill-Konvenut u liema *premia* thallsu mill-Attur b'surroga. Il-Konvenut laqa' ghal din l-azzjoni billi eccepixxa l-hlas kif ukoll li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Kontestwalment, il-Konvenut ipprezenta kontro-talba fejn qieghed jitlob il-hlas ta' €188.62 rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi rezi mill-Konvenut lis-socjeta Millenium Insurance Agency Limited u spejjez inkorsi mill-Konvenut rikovenzjonanti minhabba l-agir u/jew negligenza ta' rapprezentant jew impjegat tal-istess socjeta. Ghal din il-kontro-talba, l-Attur rikonvenzjonat laqa' billi eccepixxa li mhuwiex rapprezentant jew b'xi mod iehor qed jidher f'dawn il-proceduri ghas-socjeta Millennium Insurance Agency Limited u ghalhekk it-talbiet rikonvenzjonali huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

In sostenn tal-azzjoni tieghu, l-Attur ressaq affidavit ta' Joseph Mallia (a fol 16). Dan stqarr li hu direttur manigerjali ta' Millennium Insurance Agency Limited fil-waqt li l-Attur jahdem ma' din is-socjeta bhala *Claims Handler*. Kompla jghid li fis-sena 2013, l-Attur introduca bhala klijent lill-Konvenut u lilu nhargulu diversi poloz tal-assigurazzjoni. Jghid li meta l-Konvenut naqas milli jhallas certi *premia*, dawn thallsu mill-Attur li gie surrogat fil-jeddijiet tas-socjeta imsemmija. Hu pprezenta wkoll kopja tal-fatturi relattivi kif ukoll ircevuta tal-5 ta' Settembru 2014 (a fol 21) fejn jissemmew il-fatturi mahruga lill-Konvenut. Giet prezentata wkoll kopja ta' skrittura ta' surroga datata 7 ta' Lulju 2013 (a fol 24). Meta xehed in kontro-ezami (a fol 38) Mallia stqarr li d-data murija fuq l-iskrittura mhijiex korretta minhabba xi zball.

Xehed ukoll l-Attur (a fol 25) li stqarr li minbarra li hu impjegat bhala *Claims Handler* mas-socjeta imsemmija, jaghmilha wkoll ta' *introducer*. Jghid li sar jaf lill-Konvenut u dan talbu johroglu xi poloz li tlieta minnhom baqghu ma thallsux. Jghid li l-Konvenut kien ghaddielu xi *cheques* vojta bl-intendiment li hekk kif jaghtih struzzjonijiet, kien jikteb id-data u l-ammont u jghaddih ghall-hlas. Jghid li l-Konvenut kien ikkonferma li se jhallas izda peress li

baqa' moruz, is-socjeta Millennium naqsithom mill-paga tieghu imbaghad gieghlitu jiffirma skrittura ta' surroga! Meta xehed in kontro-ezami (a fol 35) l-Attur cahad li qatt ircieva pagamenti in kontanti minghand il-Konvenut u jghid li dan dejjem hallsu permezz ta' *cheque*. Jghid li kien hemm *cheques* tal-Konvenut li ma ssarrfux. Hu spjega kif tahdem il-procedura tal-*invoicing* tas-socjeta Millennium. Hu kkonferma li l-ammont reklamat kien inqataghlu mill-paga tieghu.

Min-naha tieghu, il-Konvenut xehed (a fol 32) li hu kien jissottoskrivi l-poloz tieghu tramite l-Attur. Hu kkonferma dak li xehed l-Attur dwar *cheques* mghoddija in bjank. Jghid li imbaghad beda jhallas cash u ghalhekk certu *cheque* li kien f'idejn l-Attur ma kellux jigi msarraf. Jghid li hu kien talab rendikont. Jghid ukoll li kien hemm hlas li rcieva minghand is-socjeta assikuratrici li hu ggira favur l-Attur biex jithallsu *premia* dovuti. In kontro-ezami, ix-xhud jghid li meta darba kellmu dirigent tas-socjeta assikuratrici, hu qabad u hallas minnufih. Jghid li mhux gieli hallas in kontanti talli kien hemm drabi fejn l-Attur kien talbu jiltaqa' mieghu f'certi postijiet biex jghaddilu l-poloz u biex jircievi l-flus. Jghid li hu kien iqis il-polza bhala ricevuta minnha nfisha. Jghid li kemm dan jassikura mas-socjeta Millennium, il-hlas kien isir minnufih jew ftit wara.

Ikkunsidra;

Illi jibda biex jinghad li l-arrangamenti li ssemmew fil-mori tal-kawza ghandhom jigu censurati ghal divesi ragunijiet. Minbarra l-fatt li huwa illegali li wiehed jaqta' ammonti mill-paga tal-impjegati tieghu, il-prattici xejn ortodossi li xehdu dwarhom il-partijiet jaghtu lok ghal tahwid.

Sabiex isib tarf tal-odjerna vertenza, it-Tribunal sejjer qabel xejn iqis il-kwistjoni tas-surroga. L-Art. 1164 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi espressament li "*min iħallas id-dejn ta' wieħed ieħor ma jidħolx fil-jeddijiet tal-kreditur, ħlief bis-saħħa ta' konvenzjoni, jew b'disposizzjoni tal-liġi.*" Issa l-konvenzjoni ssir f'zewg cirkostanzi – wahda (regolata bl-Art. 1165(1)(b) tal-Kap. 16) meta jkun hemm self (li certament mhuwiex il-kaz odjern), u l-ohra (regolata bl-Art. 1165(1)(a) tal-Kap. 16) "*meta l-kreditur idaħħal floku l-persuna li mingħandha jieħu l-ħlas fil-jeddijiet tiegħu kollha kontra d-debitur, basta li din is-surroga ssir espressament u flimkien mal-ħlas.*" Is-surroga ssir ukoll *ipso jure* f'certi cirkostanzi inkluz a favur "*ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu*" u dan kif jipprovdi l-Art. 1166(c) tal-Kap. 16.

Issa hu car li l-iskrittura li tinsab a fol 24 ghandha data li ma tirriflettix is-sewwa kif stqarr Joe Mallia meta xehed. Madankollu, ma ngiebet ebda prova ta' meta tassew saret tali skrittura. Issa jrid jitqies li l-ircevuta prezentata minn Mallia a fol 21 ggib id-data tal-5 ta' Settembru 2014. Minn ezami tal-atti jirrizulta car li fil-kaz odjern saret "tpaccija" mal-paga, haga li hi minnha nfisha illegali stante li djametrikament opposta ghal dak li trid il-ligi fl-Art. 11 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452).

Fil-fehma tat-Tribunal, fil-kaz odjern ma jistax jinghad li s-surroga ssir *ipso jure* ghaliex hu minn ewl id-dinja li impjegat ma jobbligax ruhu ghall-hlas tad-dejn tal-klijenti tal-principal tieghu. Ghalhekk, jekk kellha ssir xi surroga, din kellha tkun espressa u ssir flimkien mal-hlas. Fil-kaz odjern, huwa car (anke mill-*payslip* a fol 22 li mhux talli ma sarx hlas talli saret tpaccija. Ghalhekk, is-surroga li qed tigi vvantata ma tistax titqies bhala valida ghall-finijiet

u effetti tal-ligi u t-Tribunal se jghaddi sabiex jilqa' t-tieni eccezzjoni sollevata mill-Konvenut u konsegwentement jichad it-talba attrici.

Ikkunsidra;

Sorvolata l-azzjoni principali imiss li tigi deciza l-azzjoni rikonvenzjonali.

Minn ezami tal-process u tal-provi li ngiebu, jirrizulta car li l-Konvenut rikonvenzjonanti ma ressaq ebda prova in sostenn tal-kontro-talba tieghu. Fic-cirkostanzi, jsegwi li kull ezami ulterjuri jkun inutli u ghalhekk it-Tribunal se jichadha, bl-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, fir-rigward tal-azzjoni principali jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Konvenut fil-waqt li jastjeni milli jqis l-ewwel eccezzjoni tieghu u konsegwentement jichad it-Talba attrici fil-waqt li fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali jichadha stante li mhux ippruvata. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*